TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 34/13/GB

**Perry Simpson**

**vs**

**Immagine Casa Ltd.**

Illum 19 ta' Gunju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija u ghoxrin Ewro (€520.00), flimkien ma' mitejn Ewro (€200.00) depozitu fuq saqqu iehor, rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal sodda li xtara minghand is-socjeta' ntimata, liema sodda ma kenitx tal-qisien tas-saqqu tieghu, hekk kif ippretenda r-rikorrent.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fit-30 ta' Jannar 2012, ir-rikorrent ghamel ordni ta' kamra tas-sodda minghand is-socjeta' ntimata. Fl-14 ta' Mejju 2012 marru biex jinstallaw l-ghamara li r-rikorrent kien ordna u wara illi telqu d-'*delivery men*', ir-rikorrent pogga s-saqqu fuq is-sodda (is-saqqu kien ghandu minn qabel), pero' s-saqqu kien izghar mill-qafas ta' fuq is-sodda. Meta r-rikorrent ikkuntattja s-socjeta' ntimata, hija qaltlu illi dak huwa l-qies ta' 'King Size' u bdiet tghidlu li s-saqqu tieghu huwa 'double'. Wara hafna battibekki u telefonati ghal xejn, is-socjeta' ntimata harget bis-soluzzjoni illi taghtih discount ta' hamsa u tletin Ewro (€35.00) fuq saqqu gdid. Ir-rikorrent

m'huwiex lest illi jaccetta din l-offerta ghaliex meta huwa ghamel l-ordni tieghi, huwa ma kienx jaf li hemm iktar minn qies wiehed ta' 'King Size' ghaliex ir-rikorrent qatt ma qal il-qisien tas-sodda lis-socjeta' *ntimata*.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-30 ta' Jannar 2012, mart ir-rikorrent ordnat minghand is-socjeta' ntimata sodda 'King Size' kompluta bil-'storage'.

Illi l-istess Sinjura Simpson kienet gabet ghall-attenzjoni tas-socjeta' ntimata illi hi diga' kellha saqqu u ghaldaqstant ma kellhiex bzonn.

Illi wara li l-'installers' tas-socjeta' ntimata kienu ramaw is-sodda in kwistjoni, is-Sinjura Simpson kienet cemplet l-ufficju sabiex tilmenta illi s-sodda illi hi kienet xtrat, irrizultat li hi ikbar mis-saqqu illi hija kellha.

Illi s-Sinjura Simpson bdiet tghid ukoll illi l-qafas tas-sodda hu akbar milli fil-fatt ghandu jkun u ghaldaqstant talbet sabiex issir 'alteration' f'din l-istess sodda.

Illi s-socjeta' ntimata filwaqt illi immedjatament informat lis-Sinjura Simpson li din l-'alteration' ma setaghtx tigi mwettqa peress illi kien hemm 'storage', l-istess socjeta' ntimata ma waqfietx hemm fis-sens illi nonostante illi d-daqs tas-sodda certament hu skond dimensjonijiet Ewropej, xorta wahda ghaddiet sabiex tirrimedja din ir-rizultanza billi toffri s-saqqu illi huwa idonju ma' din id-daqs ta' sodda 'at cost price' ghad oppost ta' 'retail'.

Illi mill-verifiki li s-socjeta' ntimata rnexxielha taghmel qieghed jigi irriaffermat illi d-daqs tas-sodda fornuta lis-Sinjuri Simpson huwa diametrikament skond dimensjonijiet Ewropej (i.e. European King Size 160cm × 200cm), u dan fl-ambitu tal-qisien indikati.

Daqstant ghandha x'tissottometti s-socjeta' ntimata ghas-savju gudizzju ta' dan it-Tribunal.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa ritratti li gew immarkati bhala Dok.PS1 u Dok.PS2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi ma kien hemm ebda nuqqas fis-servizzi tas-socjeta' ntimata lejn ir- rikorrent konsumatur, ansi hija marret oltre sabiex tipprova tghin u tikkuntenta lir-rikorrent. Kienet ir-responsabbilita' tar-rikorrent illi jforni lis-socjeta' ntimata bil-qisien tas-saqqu li kien diga' fil-pussess tieghu, u dana ma seta' qatt ippretenda illi kienet ser tkun is-socjeta' ntimata illi tiehu din l-inizjattiva. It-Tribunal jinnota illi madanakollu, is-socjeta' ntimata offriet illi tbiegh saqqu idonju ghas-sodda tar-rikorrent 'at cost price', u ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghal tali offerta, b'dana illi jekk ir-rikorrent jaghzel illi jixtri tali saqqu, is-socjeta' ntimata ghandha zzomm il-prezz 'at cost price' u mhux 'at retail price', b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**